MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 330/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Deguara**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (permezz ta' att ta' citazzjoni li ggib id-data 11 ta' Awwissu 2009) kontra Carmel Deguara, bin Emmanuel u Anna nee Cachia, imwieled fit-3 ta' Frar 1968 u detentur tal-karta tal-identita` nru 98168M, talli f'Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda (**1**) fil-kapacita` tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli

iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalih hu ma kellux jedd; u aktar talli (**2**) fl-istess data, lok u cirkostanzi, fil-kapacita` tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, meta minhabba l-istat, professjoni jew kariga tieghu huwa kien sar id-depozitarju ta’ sigriet li kien gie fdat lilu, kixef dak is-sigriet bi ksur tal-ligi; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 5 tal-Kap. 373;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Settembru 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat Deguara iddikjaratu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u **kkundanntu sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin, kif ukoll ghal multa ta’ erba’ mija u hamsin Euro (€450) li ghandha tithallas fi zmien tlett xhur mid-data ta’ dik is-sentenza; dik il-qorti applikat ukoll l-interdizzjoni generali perpetwa fil-konfront tal-hati**;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali, minnu pprezentat fit-22 ta’ Settembru 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza fis-sens illi minflok il-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin din il-Qorti “tinfliggi piena karcerarja effettiva skond il-ligi bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 23A[1] u 23B tal-Kodici Kriminali”;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu bazikament fis-sens li f’dan il-kaz kellu jkun hemm piena karcerarja b’effett immedjat. Huwa jenfasizza l-fatt li hawn si tratta proprju ta’ ufficjal pubbliku li xogholu kien li jara li kollox jimxi (kif diga` gie osservat fis-sentenza li nghatat illum stess fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius**) *rite et recte* fid-Dipartiment tal-VAT. Jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel qorti ma applikatx id-disposizzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 (applikabbli ghar-reati li taghhom l-appellat Brincat kien

[1] Jigifieri qed jitlob l-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373, rez applikabbli ghal proceduri bhal dawn proprju bl-Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9.

gie akkuzat bl-Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9) kif ukoll id-disposizzjoni tal-Artikolu 23B tal-imsemmi Kap. 9.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** (App. nru 328/09) u dan ghal dak li jirrigwarda konsiderazzjonijiet kemm fattwali kif ukoll legali, u in partikolari dwar is-sospensjoni tal-piena ta’ prigunerija. Fil-kaz in dizamina il-Qorti Inferjuri mmotivat il-piena minnha erogata hekk: **“Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputat huwa ufficjal fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud; mill-atti jirrizulta li huwa kixef informazzjoni kunfidenzjali u li accetta flus biex jaghmel xogholu, pero` ma jirrizultax li huwa altera *records* tad-Dipartiment jew li approva jew awtorizza hlas ta’ *refunds* li ma kienux dovuta. Illi l-qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat ikkollabora ma’ l-ufficjali investigattivi, ammetta l-involviment tieghu mhux biss fl-istqarrja imma anke fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-fedina penali tieghu hija netta.”**

Ghal dik li hija l-piena ta’ prigunerija sospiza, din il-Qorti ma tara li ghandha zzid xejn ma’ dak li diga` nghad fis-sentenza ta’ **Maurice Agius**. Anke fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti wzat id-diskrezzjoni taghha biex tissospendi l-piena ta’ prigunerija b’mod prudenti u b’mod sostanzjalment korrett, b’tali mod ghalhekk li din il-Qorti m’ghandhiex tintervjeni biex tvarja l-piena kif erogata minn dik il-qorti. Jinghad ukoll li f’dan il-kaz, bl-interdizzjoni generali perpetwa, l-appellat mhux biss ser jitlef l-impieg tieghu mal-Gvern, izda wkoll ma hu ser ikollu qatt il-possibilita` ta’ impieg pubbliku. Kwantu ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373, galadarba llum din il-Qorti qed tiddeciedi din il-kawza definittivament, ma hemmx lok ta’ ordni ta’ sekwestru u projbizzjoni skond l-imsemmi Artikolu 5. Ghal dak li jirrigwarda, pero`, l-Artikolu 23B tal-Kap. 9, l-appellant ghandu ragun. Kif spjegat fis-sentenza ta’ **Agius** (taht il-paragrafu **11**) l-appellat Deguara inkassa b’kollox Lm300 biex huwa jaghmel dak li kien fid-dover li jaghmel, u cioe` li jipprocessa b’mod spedit certi *returns*. Dan jammonta ghal rikavat minn reat, u ghalhekk hemm

lok, skond l-imsemmi Artikolu 23B, ta' multa ekwivalenti ghal tali rikavat.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell tal-Avukat Generali in parti biss, b'mod li b'zieda mal-piena erogata mill-ewwel qorti tikkundanna lill-appellat Carmel Deguara multa ta' sitt mija u tmienja w disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81), konvertibbli f'hamsin jum prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; mill-bqija, pero`, tikkonferma s-sentenza appellata. Ghall-kull buon fini din il-Qorti qed terga' taghti l-ispjegazzjoni lill-appellat fit-termini tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 u cioe` qed terga' tispjegalu bi kliem car ir-responsabbilta' tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv (liema periodu beda jiddekorri mid-data tas-sentenza appellata, cioe` mid-9 ta' Settembru 2009) reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (8) tal-imsemmi Artikolu 28A.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------